**FIL-QORTI CIVILI**

**SEZZJONI TAL-FAMILJA**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 249/14 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-esponenti pprezentat fil-5 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti zzewget lill-intimat zewgha fit-13 ta' Frar 2004.
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.
3. Illi l-konjugi AB izzewwgu principarjament minhabba li l-intimat kellu bzonn visa biex jibqa' jghix hawn Malta.
4. Illi ghalhekk l-kunsens tal-intimat kien ivvizzjat minhabba esklussjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew minhabba esklussjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat minhabba diskrezzjoni ta' gudizzjarju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologika serja li ghamlithom impossibli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-

Tiddikjara z-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet bhala null u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1 d) u/ jew 19 (1 f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta (li permezz ta' verbal datat 24 ta' Marzu 2015, Dr. Greta Mifsud Agius qed tiddikjara li qed tirtira it-talba ghall-annullament ai termini tal-Art. 19 (1 d) u zzomm ferm it-talbiet taghha ai termini tal-Art. 19 1 (f)).

Rat li l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta guramentata ghalkemm kien debitament notifikat.

**Fatti:**

Mill-provi li pproduciet ir-rikorrenti jidher li saret taf lil B meta ir-rikorrenti dahlet il-Belt ma' habiba taghha biex idur l-hwienet. Poggew biex jiehdu kafe' meta fil-pront marru zewg irgiel fuqhom u bdew jitkellmu maghhom. Tghid li wiehed minnhom kien B.

Ir-rikorrenti ma kienetx taf li l-habiba taghha kienet taf lil dawn iz-zewgt irgiel u wara saret taf li habibtha kienet mizzewwga lil terza persuna, li kien habib taghhom u li kienet tghinhom biex jizzewwgu lin-nisa Maltin biex b' hekk igibu il-visa. Tghid li meta bdiet tkellem lil B ma kellix idea ta' dan kollu.

Tghid li B rega' staqsiha biex jergghu jiltaqghu l-Belt il-gimgha ta' wara u fil-fatt regghu iltaqghu l-Belt. Kien hawn li beda jispjegalha li kellu bzonn il-Visa biex joqghod hawn Malta u li l-habiba taghha bdiet tikkonvinciha biex tghinu u tizzewwgu. Fl-ahhar ir-rikorrenti accettat u B weghdha li ihallasha elf Lira Maltin talli ser tikkopera mieghu. Dan kollu kien ghal habta ta' Dicembru. Tkompli tghid li l-habib tieghu kien ha hsieb li jorganizza kollox u hi ma kellha x' taqsam xejn f' dan kollu. Kien igibilha xi karti biex tiffirmhom u lanqas biss kienet tistaqsi x' inhuma imma taqbad u tiffirma.

Ir-rikorrenti tghid li ma kienux ftehmu fejn sejrin joqoghdu ghax kien car mill-bidu nett li qatt ma kienu ser jghixu bhala koppja mizzewwga, Kien interessat biss fil-Visa u f' xejn iktar minn hekk.

Izzewwgu fit-13 ta' Frar 2004, fejn iltaqghu ir-Registru Pubbliku. Ir-rikorrenti tghid li ma kienetx taf min kien x-xhud ghax kienu organizzaw kollox huma. Wara c-cerimonja kulhadd telaq ghal rasu. A tkompli tghid li daknhar kien hallasha u ma regghetx semghet minghandu. Qatt ma ghexu flimkien u qatt ma kien hemm zwieg.

L-unika darba li r-rikorrenti regghet semghet xi haga fuq l-intimat, meta kienu cemplulha l-Pulizija u infurmawha li B kien qatel xi zaghzugh ta' 18- il sena. Lill-Pulizija kellimithom u qaltilhom li hi ma kellha x' taqsam xejn mieghu ghax kienet izzewgitu biss biex ikollu l-permess biex jibqa' jghix hawn Malta.

Mill-affidavit ta' ohtha C tghid li ohtha qatt ma qaltilhom xejn dwar daz-zwieg izda saret taf kollox meta l-Pulizija cemplu lil ohtha A biex jinfurmawha li B kien involut fi qtil.

Hawnhekk ohta qaltilha li kienet habiba taghha li introducietha ma' dan B u li din l-istess habiba kienet tghin lil istess B u shabu biex isibu nisa Maltin, biex ikunu jistghu jizzewwguhom u jibqghu jghixu hawn Malta.

Tghid li ohtha kienet izzewwgitu u taha xi flus, izda qatt ma ghexu bhala koppja mizzewwga.

**Nullita' taht l-Artikolu 19(1) (f)**

***f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Huwa relevanti fil-konsiderazzjoni dwar in-nullita` o meno taz-zwieg bejn il-partijiet taht il-kappa tal-Artikolu 19(1) (f), il-fatt illi kif stabbilit, il-partijiet ma kienux neqsin mid-discretio judicii sabiex jidhlu ghal rabta matrimonjali validu u pjuttost kellhom il-konoxxenza mehtiega tal-obbligi u drittijiet konjugali li kienu dehlin ghalihom. Sabiex wiehed jeskludi z-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, irid ikun evalwa u fehem proprju x'inhuma dawn l-elementi.

Kif ritenut fis-sentenza **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine[1]**:-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*
[sottolinejar ta' din il-Qorti]

---

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 28 ta' April, 2002

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza **Al Chahid vs Mary Spiteri**[2] illi:-

*"... wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi l-gurisprudenza in materja hija konkordanti illi sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1) (f), irid jigi necessarjament ippruvat ukoll li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi necessarji taz-zwieg, kif ukoll li xi wiehed mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni tal-kunsens tieghu jew taghha.

Skond kif ritenut fis-sentenza recenti **Simon Cusens vs. Romina Cusens**[3], sabiex zwieg jigi kkunsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz, irid jirrizulta ppruvat li entrambi l-partijiet jew xi hadd mill-partijiet tkun hadet decizjoni li ghalkemm ser tippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg. Fi kliem iehor, filwaqt li esternament tidher li qed taghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali, dik il-parti tkun fl-istess hin u minn qabel ma tat il-kunsens taghha, diga` mentalment eskludiet a priori d-dispozizzjoni taghha li tottempera ruhha ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali.

Fl-istess vena, gie ritenut hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins**[4]:-

*"Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra*".

---

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002
[3] 104/2010, deciza minn dina l-Qorti kif presduta fl-10 ta' Dicembru, 2014 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2016.
[4] Deciza 2 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Terga' ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** fejn gie ritenut li:-

*"... rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et noe**.[5], elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-"*komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied*"[6] L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **Aquilina vs. Aquilina**[7] u fis-sentenza **Grech vs. Grech**.

**Ikkunsidrat:-**

It-talba ghall-annullament taht l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta tirreferi ghall-simulazzjoni parzjali u cioe' parti, fil-mument li suppost qed taghti l-kunsens taghha, il-parti tkun eskludiet iz-zwieg, kif ukoll wiehed jew aktar obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' unjoni permanenti, eskluzziva u irrevokabbli, diretta lejn il-gid komuni, bl-iskop li jkun hemm prokreazzjoni.

**DECIDE**

---

[5] Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Lulju, 1994
[6] Citata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza 237/14
[7] Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 30 ta' Jannar, 1991

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta'Malta, filwaqt li tordna li ssir l-annottazzjoni fl-istess certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjes ghar-rikorrenti.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**